MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Numru. 33/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**(Spettur Neville Aquilina)**
- vs -

**RAYMOND BAJADA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND BAJADA** ta' hamsa u tletin sena iben Saviour u Josephine nee Bigeni, imwieled Xewkija, Ghawdex nhar it-tmienja ta' Marzu, 1968 u joqghod Madonna Ta' Pinu, Trejqet il-Mitjar, Xewkija, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita` numru 16168 (G) gie imressaq quddiemha u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar hames snin, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, wettaq kummerc ta' *"istituzzjoni finanzjarja"* f'Malta jew minn Malta u dan minghajr licenzja moghtija taht l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, u dan ai termini tal-artikolu 3 tal-Kap 376 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, billi ghamel self ta' flus lil Kevin Zammit minn Zebbug.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat erbatax ta' Novembru, 2003 esebit fl-atti u mmarkat bhala dokument CSH a fol 37, fejn l-istess Avukat Generali ta il-kunsens tieghu ai fini tal-artikolu 22 (5) tal-Att tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji li jitrattaw proceduri kriminali kontra l-imputat odjern.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit fl-atti u mmarkat bhala dokument CSH 3 datat tmienja ta' Marzu, 2004 a fol 10 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kapacita` tieghu fuq riferita.

Semghet lill-**imputat** jiddikjara li huwa minnu li hu silef somma flus fi tlett okkazzjonijiet lis-socjeta` Sunteg Investments Limited permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Silvio Hili datat tmienja ta' April, 2002 u li huwa ma applikax ghall-permessi minghand l-MFSC.

Semghet lis-**Supretendent Neville Aquilina** jixhed fis-seduta tal-hdax ta' April, 2004 fejn ikkonfemra li mill-investigazzjoni maghmula minnu irrisulta li l-imputat silef sommom kbar ta' flus lil certu Kevin Zammit li jinnegozja fil-proprjeta`. L-imputat kien ammetta mieghu li kien silef fl-ewwel okkazjoni is-somma ta' LM 73,000 lil Kevin Zammit permezz ta' kuntratt maghmul quddiem in-Nutar Silvio Hili u dan versu il-korrispettiv ta' imghax ta' 8.5%, u li fit-tieni okkazzjoni silfu s-somma ta' LM 9,000 ukoll lejn korrispettiv ta' xi imghax u fis-sena 2002 kien silfu it-tielet somma ta' LM 43,000. L-imputat ammetta mieghu ukoll li permess mill-MFSC ghas-self ta' flus ma kellux.

L-Ufficjal Prosekutur esebixxa l-istqarrija tal-imputat li giet immarkata bhala dokument NA u minn esami tal-istess jirrisulta dak kollu li qal is-Supretendent Aquilina fix-xhieda tieghu.

Illi dwar il-fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet u l-unika kontestazzjoni li hemm hija fuq punt ta' ligi u cioe` l-import u signifikat tal-elementi tar-reat in kwistjoni ghall-esistenza tieghu.

Illi fil-kapitolu in esami u cioe` 376, fl-ewwel parti tieghu taht l-intestatura "Preliminari" insibu hafna tifsiriet tal-kliem uzati tul l-Att kollu u ghalhekk tali lista mhiex ezawrjenti.

Illi skond l-artikolu 3 tal-Kap 376;

*"l-ebda negozju ta' "istituzzjoni finanzjarja" ghandha titwettaq f'Malta minn socjeta` li m'ghandiex permess mill-awtorita` kompetenti".*

Issa skond it-tifsira mghotija fil-kelma *"istituzzjoni finanzjarja"* fis-subartikolu fuq imsemmi insibu li din tfisser

*"any person whose **regular** occupation or business is the carrying out of:*
*a. any activity listed in the schedule to the Act;*
*b. any other activity defined by the Minister as such by or and published in the gazette amending the schedule to the act for the account and at the risk of the person carrying out such business.*

Illi ghalhekk konsegwentement sabiex negozju jaqa taht it-tifsira ta' *"istituzzjoni finanzjarja"* irid jikkonkorru l-elementi suesposti. Minn ezami tal-iskeda fost l-attivitajiet tal-*"istituzzjoni finanzjarja"* insibu "lending" – tislif.

Naturalment it-tislif ta' flus per se ghandu jitqies bhala attivita` ta' *"istituzzjoni finanzjarja"* u mhux permess jekk mhux kopert b'licenzji mill-awtorita` kompetenti. Issa skond l-istess tifsiriet fit-taqsima "Preliminari", l-awtorita` kompetenti tigi dik imsemmija fl-artikolu 12 (2) tal-istess

Kap u cioe` dik l-awtorita` tal-ligi nominat mill-Ministru tal-Finanzi fil-Gazzetta tal-Gvern u skond l-avviz legali 167 tas-sena 1994, l-awtorita` kompetenti hija l-Bank Centrali.

Illi pero dak l-istess artikolu 3 jipprovdi s-subartikolu numerat (2) li huma interessanti u dan ghaliex jipprevedi li f'kaz ta' dubju jekk attivita` hiex negozju ta' *"istituzzjoni finanzjarja"* jew jekk in-negozju hux qed jigi esegwit Malta, il-kwistjoni tigi deciza mill-awtorita` kompetenti u ghalhekk l-istess ligi tipprovdi li kwistjoni ta' tifsira dwar x'jikkostitwixxi negozju ta' *"istituzzjoni finanzjarja"* taqa f'idejn l-awtorita` kompetenti.

L-avukat difensur sostna li sabiex jinghad li l-imputat kien qed jinnegozja f' *"istituzzjoni finanzjarja"* il-Prosekuzzjoni trid tipprova li ghamel hekk b'mod regolari u dan minhabba il-kliem tal-ligi u cioe` *"financial institution means any perosn whose regular occupation or business is the carrying out of……"*

Illi l-kapitolu ma jipprovdi l-ebda tifsira dwar il-kelma regolari u ghalhekk il-Qorti taghmel referenza ghad-dizjunarju Ingliz *"Standard Dictionary Comprehensive International Edition", 1974 Edition* dwar it-tifsira tal-kelma *"regularly"*. Dan jipprovdi s-segwenti; *"made according to rule, recurring without fail methodically, orderly, habitually, repeated use* u *frequent".*

Issa zgur li tlett transazzjonijet ma jammontax ghall-negozju maghmul regolarment. Minn imkien ma jirrisulta li t-tislif ta' flus fi tlett okkazzjonijiet jammonta ghal negozju regolari kif imfisser taht it-titolu *"financial institution"* provdut fil-ligi.

Il-Qorti rat is-sentenza mghotja minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Pulizija vs Peter Gauci deciza nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Novembru, 2003**, kif indikat lilha mill-partijiet, pero' din is-sentenza ma taghti l-ebda widen ghall-punt in disamina ghaliex f'dik il-kawza kien gie registrat ammissjoni fl-ewwel seduta u konsegwentement dik il-Qorti ma dahhlitx fit-tul biex tispjega il-ligi.

Din il-Qorti pero ghamlet ricerka hi stess biex tara jekk inghatatx sentenza mill-Qrati nostrana dwar dan il-punt legali in kwistjoni.

Fis-sentenza mghotija mill-**Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Paul Abela deciza nhar id-disgha ta' Lulju, 1999**, dik il-Qorti trattat dan il-punt.

Dik il-kawza kient tikkoncerna in sostanza li l-imputat allura appellant kien ilu jiggestixxi pompa tal-petrol u bar f'Haz-Zebbug ghall-erbgha u erbghin sena u kien ta' **spiss** isarraf cekks ta' diversi nies, dan billi huma jiggiraw dawn ic-cekks taghhom li jkunu *"payable to order"* u hu jaghti l-import ta' dawn ic-cekks lin-nies imsemmija. Jirrizulta li hu kien ukoll izomm xi kumpens ghal dan is-servizz ta' tisrif ta' cekks li kien jaghmel, bir-rizultat ghalhekk li l-ammont ta' flus cash li l-appellant kien ighati lil dawk in-nies kien ikun ftit anqas mill-ammont li jidher fuq ic-cekks, cioe` kien inaqqas dak il-kumpens mill-ammont li jidher fuq ic-cekks.

Il-Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 2 tal-Att XII tal-1994 u senjatament ghad-definizzjoni tal-kliem *"istituzzjoni finanzjarja"* u fissret li dawn il-kliem jirreferu xejn anqas u xejn aktar ghal kul persuna li l-okkupazzjoni **regolari** taghha, jew ix-xoghol taghha huwa li tinnegozja f'wahda mill-attivitajiet imsemmija fis-schedule anness mal-imsemmi Att. Issa f'dak il-kaz dik il-Qorti hasset li tali attivita` ta' tisrif ta' cekks bil-manjiera fuq imsemmija b'mod regolari jammonta proprju ghal attivita` li taqa taht it-tifsira ta' *"istituzzjoni finanzjarja"*, u ghalhekk l-appellant f'dak il-kaz kellu bzonn il-permess mill-awtorita` koncernata.

Issa fil-kaz in esami jirrisulta li proprju minn esami tal-istqarrija tal-imputat illi l-imputat huwa direttur ta' socjeta li tinnegozja fil-karozzi kemm godda kif ukoll second hand, u jinnegozja fi proprjeta`. Mistoqsi jekk is-socjeta` tieghu issellifx flus huwa wiegeb fin-negattiv izda qal li personalment kien sellef xi flus lil certu Kevin Zammit.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta biss fuq ammissjoni tal-imputat stess li huwa silef flus fi tlett okkazjonijiet lill-istess persuna ta' Kevin Zammit, u kuntrarjament ghal dak li kien jaghmel Paul Borg fil-kawza fuq citata li kien isarraf ic-cekkijiet **regolarment**.

Illi fil-fehma tal-Qorti dak li ghamel l-imputat odjern ma jammmontax ghal tislif ta' flus b'mod regolari u ghalhekk tali operat ma jaqax taht id-definizzjoni tal-ligi ta' *"istituzzjoni finanzjarja"*.

**Ghalhekk il-Qorti rat l-artikolu tal-Ligi u cioe` 3 tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat RAYMOND BAJADA hati ta' din l-akkuza u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------